**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 303/16 AL

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-3 ta' Ottubru 1981. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument A;

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla jisimha L fit-19 ta' Dicembru 1985, llum magorenni. Kopja tac-Certifikat tat-twelid qed jigi anness u mmarkat Dokument B.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sena elfejn u tlieta (2003) u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 3 ta' Lulju 2003. Kopja tal-Kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument C.

Illi r-rikorrenti tikkonferma illi ma kienx hemm obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet u li ghal kull buon fini l-partijiet dejjem ottemperaw ruhhom ma' l-obbligi tal-Kuntratt.

Illi ma hemm l-ebda prospett remot ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom snin mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet filwaqt li taghmel riferenza ghas-suespost sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla iwiegeb fuq domanda tal-Qorti li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Lulju 2003;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.